**273. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil Joston Limited, sit fil-Furjana, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (c) tas-subartiklu (1)  tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit fil-Furjana jista' jingħata lill-imsemmija Joston Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz ta' Kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

13.03.91